MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Numru. 92/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**

**PHILIP SPITERI EARL LEWIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PHILIP SPITERI EARL LEWIS** bin Philip u Mollie Marie Gibson imwieled New Zealand u residenti Ta' Kelina, 2, Triq M'Forn, Xaghra, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 609683 (M), fuq talba tal-konrtollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli:

1. Fit-tlieta u ghoxrin ta' Ottubru, 2002 f'dawn il-Gzejjer u/jew f'xi data qabel, instab li xjentement kellu fil-pussesss u/jew taht il-kontroll tieghu harpoon tal-marka Jet Mares 58 bin-numru tas-serje 01141684. L-

importazzjoni ta' l-oggett hawn fuq imsemmi hija projbita u/jew ristretta. Dan ghandu valur ta' LM20 u Dazju LM 1.20 u li fuqu kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud liema taxxa tammonta ghall LM 3.18 liema dazju u taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur tal-artikolu 60 (a) (b) (c) (k), l-artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u bi ksur tal-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998).

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap 66 tal-Artikolu 13 (1).

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-oggett esbit, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzi tal-armi ghal mhux inqas minn sena f'kaz ta' htija.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni b'mod partikolari lill-Ispettur Alexander Miruzzi, Martin Debattista, rappresentant tal-Kontrollur tad-Dwana u Tony Grima, rappresentant tal-Kummissarju tal-VAT.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` Artikoli 13 (1) tal-Kap 66 u artikolu 60 (a) (b) (c) (e) (k), artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (h) tal-Kap 37 u artikolu 80 tal-Att XXIII tal-1998 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Semghet l-ammissjoni tal-imputat u fuq tali ammissjoni l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah dwar l-ewwel akkuza multa ta' LM 41.20 u dwar it-tieni akkuza hmistax il-lira Maltin multa. Inoltre tordna l-konfiska tal-harpoon esebit fl-atti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------